MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 963/2007/1

Mark Schembri & Associates Limited
vs
Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding GmbH Branch Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding Branch Malta nomine ai termini tas-subincizi (d) u/jew (c) ta’ l-artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li bih ippremettew:

Illi fil-kawza fl-ismijiet premessi s-socjeta` attrici tippretendi hlas minghand Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding Branch Malta nomine fl-ammont ta’ €709,743.16;

Illi in katwtela ta’ tali pretensjoni, is-socjeta` attrici talbet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru bin-numru 1364/07 u indikat

bhala sekwestru lil (i) HSBC Bank Malta p.l.c. (ii) Bank of Valletta plc (iii) APS Bank Limited (iv) Lombard Bank Limited (v) Skanska International Holding AB, (vi) Blokrete Limited (v) Skanska Malta JV. L-ammont ikkawtelat f'dan il-mandat ta' sekwestru kien ta' €694,039.36;

Illi sad-data ta' dan ir-rikors, il-Bank of Valletta p.l.c. iddepozitat is-somma ta' €173,880.73 filwaqt li Skanska Malta JV iddepozitat is-somma ta' €248,888;

Illi kif jirrizulta minn affidavit ta' Mark Schembri stess,ipprezentat fl-atti tar-rikors guramentat fuq imsemmi u kopja ta' liema giet annessa mar-rikors u immarkata Dokument "A", fil-mori tal-kawza l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti gie ridott minn €709,743.16 ghal €584,899.01. Madanakollu, it-talba fir-rikors guramentat qatt ma giet ridotta u lanqas ma gie ridott l-ammont ikkawtelat permezz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

IT-TALBA ODJERNA

Illi s-socjeta' Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding Branch Malta nomine intavolaw dan ir-rikors b'talba sabiex din il-Qorti joghgobha tirrevoka in parte l-att kawtelatorju fuq imsemmi a tenur ta' l-artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12 (vide paragrafu (A)) u, minghajr pregudizzju ghal dik it-talba,

*(A) L-ammont ikkawtelat huwa prima facie eccessiv – talba ghal revoka parzjali*

Illi kif jirrizulta mill-esposizzjoni tal-fatti fil-qosor fl-ewwel paragrafi ta' dan ir-rikors, l-ammont ikkawtelat huwa wisq aktar minn kemm effettivament huwa pretiz;

Illi kif spjegat, l-ammont dikjarat pretiz taht gurament huwa dak ridott ta' €584,899.01 u ghaldaqstant il-mandat kawtelatorju de quo ghandu jigi parzjalment revokat ghad-differenza kawtelata ta' €109,140.35 *stante* li fuq ammissjoni ta' Mark Schembri stess, jirrizulta li l-ammont ikkawtelat mhux biss huwa *prima facie*, izda evidentement, eccessiv.

*(B) Hemm garanzija ohra li tista`, ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, tassigura bizzejjed il-pretensjoni ta' Mark Schembri & Associates Limited*

Illi s-socjetajiet Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding Branch Malta ottjenew garanzija bankarja minghand il-Bank of Valletta p.l.c. li fil-fehma umli taghhom, tista` ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni tas-socjetajiet rikorrenti;

Illi l-ammont indikat fil-garanzija bankarja huwa l-istess ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u cioe` l-garanzija li giet miksuba hija effettivament aktar mill-pretensjoni li ghandha s-socjeta` Mark Schembri & Associates Limited fil-konfront ta' Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding Branch Malta nomine;

Illi t-termini u l-kundizzjonijiet fil-garanzija jaghmluha possibbli ghal Mark Schembri & Associates Limited li jirtiraw tali garanzija kemm-il darba jkollhom sentenza finali favorevoli. Dawn it-termini u kundizzjonijiet huma dawk li solitament jitnizzlu f'garanziji bankarji ta' din ix-xorta;

Illi kopja ta' din il-garanzija bankarja giet annessa mar-rikors u immarkata Dokument "B". Fil-mument, l-original ta' din il-garanzija tinsab fil-kustodja ta' l-avukat Dr. Henri Mizzi.

Ghaldaqstant abbazi tas-suespost ir-rikorrenti nomine talbu lil din il-Qorti joghgobha:

a. tordna r-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru numru 1364/07 u tahllieh vigenti biss ghas-somma dikjarata pretiza fl-affidavit ta' Mark Schembri & Associates, ossia s-somma ta' €584,899.01, u dan ai termini ta' l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1364/07 ai termini ta' l-artikolu 836(1)(c), kemm-il darba fi zmien

preskritt minn din il-Qorti, tigi depozitata permezz ta' cedola taht l-awtorita ta' din il-Qorti, il-garanzija li taghha giet annessa kopja mar-rikors, taht l-istess termini u kundizzjonijiet ezistenti madanakollu fl-ammont ridott kemm-il darba tintlaqa' l-ewwel talba.

Rat id-dokumenti prezentati mis-socjetajiet rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjeta` Mark Schembri & Associates Limited li biha eccepiet:

1. Illi qabel xejn is-socjetajiet rikorrenti Tarkett Holding GmbH u Tarkett Holding GmbH Branch Malta ghandhom jallegaw l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1364/2007 li tieghu qed jitolbu r-revoka sew ghal kollox u kif ukoll f'parti minnu.

2. Illi t-talba tas-socjetajiet rikorrenti kif intavolata hija irrita u nulla ghax il-ligi ma tikkontemplax li mandat kawtelatorju jigi revokat sew f'parti minnu u kif ukoll sew ghal kollox. Fil-fatt, l-Artikolu 836(1) jghid li t-talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju tista' ssir sabiex dan il-mandat jigi revokat "ghal kollox JEW f'parti minnu". Dan l-Artikolu ghalhekk ma jipprospettax li mandat jigi revokat in parti U fl-istess hin in toto kif qed jitolbu r-rikorrenti fl-imsemmi Rikors promotorju revokatorju taghhom.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess jinghad illi mhux kontestat li s-sorte fil-Mandat ta' Sekwestru numru 1364/2007 kien indikat fl-ammont ta' Ewro694,093.37 (Lm297,951.10c), u li wara xi laqghat bejn il-partijiet u wara li saru wkoll xi kjarifiki kienu gew irtirati parti minn xi claims, bis-sorte tal-kawza jigi ridott ghal Ewro584,899 (Lm251,097.14c) kif jidher mill-affidavit tad-Direttur tas-Socjeta` intimata. Jigi spjegat illi l-mandat kawtelatorju ma ghandux ikun kriterju li fuqu l-Qorti ghandha timxi biex tikkwantifika l-ammont finali tal-kawza. Il-Qorti kellha tikkunsidra wkoll li l-ammont attwalment dovut (Ara "Adrian De Haan -vs- George Whelpdale et", Deciza PA/GCD, 17 ta' Awissu 1995).

4. Illi nonostante din id-differenza jigi attirat l-attenzjoni ta' dina l-Qorti li fil-Mandat ta' Sekwestru attakkat kienu gew rizervati l-imghax dovut fuq l-istess sorte. Ghaldaqstant dina l-Qorti ghandha, qabel tghaddi biex tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru in parte billi tirriducih, tinkludi mas-sorte l-imghax li s'issa iddekorra fuq il-kapital sa mit-13 ta' Settembru 2007, id-data tal-prezentata ta' l-istess Mandat. Dana ghaliex skond l-Artikolu 760(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) "Fil-kawza dwar kapitali u imghaxijiet, il-valur jigi determinat mis-somom tal-kapitali u ta' l-imghaxijiet flimkien". Mhux biss tali imghax gie rizervat fil-mandat kawtelatorju attakkat talli fit-talba tal-kawza in sostenn ta' tali Mandat hemm inkluz l-imghaxijiet fuq l-obbligazzjoni li f'dan il-kaz hija ta' xorta kummercjali u tibda tghaddi minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita (Artikolu 1141[1] tal-Kodici Civili).

5. Illi assolutament bla pregudizzju ghall-premess, ghalkemm l-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 jawtorizza lil din il-Qorti tirrevoka mandat kawtelatorju, sew ghal kollox jew parti minnu, "jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni……jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni" ghar-rigward tal-garanzija offerta mis-socjetajiet rikorrenti, allegatament garanzija bankarja ghal kull ma gie esebit f'dawn l-atti huwa semplici fotokopja, ghandha ssir il-prova tal-validita` ta' tali garanzija.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET::

Jirrizulta mill-verbal tat-30 ta' Settembru 2008 li l-pretensjoni ta' Mark Schembri and Associates Limited hija ta' €584,899.01. Kif jirrizulta mill-mandat 1364/07 l-ammont imsemmi kien Lm297,951.10, cirka €694,100. Jinghad li sad-data tal-prezentazzjoni tar-rikors, il-Bank of Valletta p.l.c. kien iddepozita €173,880.73 waqt li Skanska Malta JV iddepozitat is-somma ta' €248,888. Permezz tan-nota tat-30 ta' Settembru 2008 gew prezentati kopja ta' zewg cedoli ohra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni

ghall-ammont ta’ €18,425 u cedola ta’ depozitu ta’ Skanska Malta JV ta’ €273,865.16. Fin-nota prezentata minn Dr. Antoncich jissemmew tliet cedoli u cioe` m’hemmx dik tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Illi ghalhekk jidher car li hemm fondi depozitati aktar milli hemm bzonn. Certament li ma hemmx skop li jigi kawtelat ammont superjuri ghal €584,899.01 u ghalhekk tirriduci l-ammont tal-mandat ghal dan l-ammont.

F’dan is-sens qed tirrevoka parzjalment il-Mandat ta’ Sekwestru 1364/07 u thallih vigenti biss ghas-somma ta’ €584,899.01.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------